MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1630/2004

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**D.Z Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Awissu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm133.61) rapprezentanti servizzi ta’ reklamar rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta konvenuta fuq ordni u nkarigu specifiku taghha stess.

B-interessi kontra s-socjeta konvenuta mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha prezenti u li ghad iridu jsiru kontra l-istess socjeta

konvenuta li r-rapprezantanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm133.61) bl-imghax pagabbli mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------